MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 2/2004

**Redeemer Diacono**

**vs**

**Medialink Computer Centre**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Dicembru 2003 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fuq premessi pprezentat fil-21 ta' Novembru 2002 fejn ir-rikorrenti talab refund ta' elf u tlett mija u sittax il-Lira Maltin (Lm1316) u danni morali rapprezentanti prezz ta' kompjuter li nxtara minghand id-ditta ntimata li kellu diversi problemi.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti u l-genituri tieghu, u wara li sema’ x-xhieda tal-Intimat li huma rapprezentanti tad-ditta Ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:-

1. Ir-Rikorrenti xtara kompjuter minghand id-ditta ntimata ghall-prezz ta’ elf u tlett mija u sittax il-Lira Maltin (Lm1316) u kellu diversi problemi li matul iz-zmien li kien qed juzah tant li ma setax jibqa’ jiffunzjona. Ghalhekk qed jitlob il-flus lura kif ukoll danni morali.

2. L-Intimat issottometta li kien lest li jirrangalu u fil-fatt kemm il-darba mar sabiex jirrangah u ezatt kif jirrangah jibdew il-hsarat. Dana huwa tort tan-nuqqasijiet tar-Rikorrenti.

3. It-Tribunal ha hafna pacenzja b’din il-kawza meta kien ordna diversi inkontri bejn il-partijiet u ghal xi raguni jew ohra ma sarux. Jinnota wkoll li l-intimat mill-bidu nett kien lest li jikkopera. Jinnota wkoll li r-Rikorrenti kienet tfettaq wisq wara li t-Tribunal kien ta’ cans sabiex jigu solvuti dawn il-problemi.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-Rikorrenti in-parte u jordna lill-Intimat ihallas l-ammont ta’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.”

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg kontendenti. Kwantu ghad-ditta konvenuta din tillanja mill-fatt illi s-sentenza appellata tiddifetta minn nuqqas ta’ motivazzjoni u dan il-fatt arrekalha pregudizzju irrimedjabbli. Oltre dan tilmenta wkoll illi gie vjolat lilha l-principju tal-gustizzja

naturali “audi alteram partem” ghaliex ma gietx notifikata bis-sottomissjonijiet tal-kontroparti biex tkun in grad twiegeb ghalihom. Izzid tikkontendi wkoll illi n-nuqqas ta’ smiegh xieraq jinsab ukoll fil-konsiderazzjoni li t-Tribunal ma evalwax sew il-provi prodotti u naqas li jiehu konjizzjoni tax-xhieda prestata minnu.

Kwantu ghall-attur dan appella incidentalment bl-aggravju illi t-Tribunal mar kontra d-dettami ta’ gustizzja naturali fil-mod kif stabilixxa l-kwantum pagabbli u kien pregudikat (‘bias’) fil-mod kif esprima ruhu fil-konfront tieghu. Huwa sostna wkoll illi d-decizjoni tat-Tribunal ma nghatatx fit-termini tal-Artikolu 73 tal-Kap 378.

Tajjeb li jibda biex jigi ravvizat bhala punt ta’ tluq illi appell lil din il-Qorti mit-Tribunal ghal Talbiet ta’ Konsumaturi mwaqqaf bl-Att XXVIII ta’ l1994 hu rizervat ghal kaz limitat preskritt fl-Artikolu 22(2) tal-istess Att. Jigifieri fil-kaz ristrett f’dan is-subinciz imfisser “meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b’mod gravi l-jeddijiet ta’ min jappella”. Huwa f’dan il-qafas illi kemm l-appell principali kemm dak incidentali kellu jkun ristrett. Jekk allura jinstab illi ma hemm xejn x’jindika fid-decizjoni jew fl-atti processwali li d-decizjoni kienet tmur kontra d-dettami tal-gustizzja naturali z-zewg appelli huma destinati li jfallu. Ukoll, “una volta ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-principji tal-gustizzja naturali fis-smiegh tal-kawza - pregudizzju dan li minn natura tieghu kellu jkun wiehed procedurali u mhux sostanzjali – ma kienx il-kaz li din il-Qorti tiddiskuti dwar il-gravita` tal-pregudizzju ghax dan kien mill-atti eskluz” – “**Charles Sultana et -vs- A.C.K. Ltd**”, Appell, 27 ta’ Ottubru 2000.

Dan premess, din il-Qorti tibda biex tikkonsidra l-appell incidentali tal-attur.

Kwantu ghall-aggravji dwar il-quantum tad-danni u jekk il-materja kellhiex tigi rigwardata fit-termini tal-Artikolu 73 tal-Ligi z-zewg aspetti jikkoncernaw apprezzament ta’ fatt pjenament fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal u din il-Qorti ta’ revizjoni ma hijiex fakoltizzata mill-Att li tissindika

decizjoni ta’ fatt. Dan ghaliex fl-apprezzament ta’ fatti t-Tribunal jibqa’ l-uniku arbitru. F’dawn ic-cirkostanzi in kwantu ghal dawn l-aggravji din il-Qorti ma tara l-ebda agir da parti tat-Tribunal li jmur kontra d-dettami tal-gustizzja naturali.

Dwar l-aggravju tal-allegat ‘bias’ fil-konfront tal-attur appellant tal-kumment tat-Tribunal li dan ha “hafna pacenzja” bil-kawza u li r-rikorrenti kienet “tfettaq wisq” ma jaghmlux ghaldaqshekk denunzja accertata ta’ pregudizzju. Tant hu hekk illi dan bl-ebda mod ma influwixxa negattivament fuq l-ezitu tal-kawza ghall-attur appellant. Kif ricevut fis-sentenza fl-ismijiet “**Rose Loftus et -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd.**)”, Appell, 9 ta’ Lulju 1999, “allegazzjoni ta’ “personal bias” li timplika abdikazzjoni tad-doveri ta’ imparzjalita` da parti tal-gudikant, ma kellha qatt issir sakemm min jaghmilha ma jkollux mhux biss il-konvinzjoni personali ghal tali akkuza, imma element ta’ prova biex jiggustifikaha. Il-fatt li gudikant ikun gustament urtat minn nuqqasijiet tal-partijiet jew id-difensuri taghhom fid-doveri taghhom lejn l-amministrazzjoni tal-gustizzja u l-process gudizzjarju … … bl-ebda mod ma jfisser li l-gudikant kien ser ihalli dak is-sentiment ta’ censura jinfluwixxi negattivament fuq is-sens ta’ bilanc u oggettivita` tal-gudizzju tieghu”.

In vista tal-premess anke dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint.

Riferibilment ghall-appell principali tad-ditta konvenuta jibda biex jigi osservat illi skond is-subinciz 2 (d) ta’ l-Artikolu 23, “l-Arbitru ma ghandux joqghod jaghti motivi imtawlin dwar kif ikun wasal ghad-decizjonijiet tieghu, izda jkun bizzejjed li jelenka d-dettalji ewlenin li jkun sejjes id-decizjoni tieghu fuqhom”.

Huwa desumibbli minn dan id-dispost illi t-Tribunal kien skansat, bl-operat tal-istess ligi, milli jaghti motivazzjoni elaborata. Dan naturalment ma jfisserx illi l-motivazzjoni ma kellhiex tinkorpora fiha “r-ratio decidendi” fuq l-elenku tad-dettalji ewlenin. Il-motivazzjoni tibqa’ dejjem ta’ essenza tal-gudizzju u ma jistghax allura jinghad li jkun

jidher li ssir gustizzja jekk il-partijiet in kawza ma jinghatawx almenu s-sodisfazzjoni minima tar-raguni li tkun inducìet lill-Arbitru jasal ghad-decizjoni tieghu. Anke fi process kwazi gudizzjarju l-partijiet kellhom ikunu pjenament sodisfatti illi r-regoli bazilari tal-gustizzja naturali kienu qed jigi osservati. Dan ghaliex il-principju tal-gustizzja naturali ma kellux rabta biss mal-kuncett tas-smiegh xieraq izda wkoll mar-raguni il-ghala talba, jew difiza ghaliha, tkun qed tigi milqugha jew michuda. Jokkorri ghalhekk li d-decizjoni tat-Tribunal tigi analizzata biex jigi verifikat jekk din kienetx tissodisfa l-element ta' motivazzjoni bazika li d-ditta appellanti kellha dritt ghaliha fid-decizjoni.

Mid-decizjoni jirrizulta, anke jekk forsi mhux bi kliem precizi u daqstant cari, illi l-Arbitru kkonsidra bhala osservazzjonijiet bazici biex wasal ghal gudizzju tieghu kemm il-fatt tal-problemi riskontrati fil-computer de quo, aktar dettaljatament elaborati fir-rapport tal-espert tekniku (fol 26) nominat minnu, kif ukoll l-ilment dwarhom mill-attur u l-fatt ukoll li d-ditta appellanti kienet lesta li tikkollabora biex tirrimedja. Dawn il-kostatazzjonijiet tat-Tribunal issarrfu mbaghad f'konkluzjoni li turi, fuq il-fatti stabbiliti, kif it-Tribunal immitiga l-kwantum tad-danni.

Minn dan premess din il-Qorti tara li kien hemm motivazzjoni u ragonament bizzejjed fl-ezercizzju tal-funzjoni kwazi gudizzjarju tat-Tribunal biex is-sentenza tissodisfa r-rekwizit essenzjali li l-parti decizorja tas-sentenza kienet in armonija mal-konsiderandi taghha u li allura l-volonta` tal-arbitru delinejata fil-parti razzjonali tas-sentenza, anke jekk b'mod skematiku hafna, kienet tibbasta biex tiddefinixxi u tispjega l-parti dizpozittiva tas-sentenza. Ghalhekk il-Qorti ma ssibx f'dan il-kaz illi t-Tribunal mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' ekwita` li jista' jigi radikat dritt ta' appell fuq din il-bazi tan-nuqqas ta' motivazzjoni.

Il-bqija tal-aggravji tad-ditta appellanti ma jidherx li huma sostenibbli. Dan kemm ghaliex in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-kontroparti ma zzid u ma tnaqqas xejn minn dak gja rilevat f'dan l-appell fil-kaz tal-aggravji

sottomessi mill-attur fl-appell incidentali kemm ghaliex it-Tribunal ma ta l-ebda affidament fis-sentenza appellata lis-sottomissjonijiet li sarulu fir-rigward tal-aspett taht l-Art 76 tal-Att. Jirrizulta inoltre illi d-ditta appellanti kienet gja zmien qabel intavolat hi wkoll Nota bl-osservazzjonijiet taghha tal-kaz (fol 29). Kwantu ghal kritika tan-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-provi gja gie osservat illi dan hu kamp rizervat lit-Tribunal u mhux miftuh ghar-ri-ezami minn din il-Qorti. F'kazijiet ta' din ix-xorta, imbaghad, it-Tribunal jiddeciedi fuq bazi ta' ekwita` u mhux fuq xi analisi stretta ta' definizzjoni tar-responsabilita`. Ezercizzju ta' ekwita` li f'dan il-kaz, kollox ma' kollox jidher li sar ukoll.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad kemm l-appell principali tad-ditta konvenuta kif ukoll l-appell incidentali tal-attur u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal. Kull wahda mill-partijiet ghandha tbati l-ispejjez proprji tal-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------